MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tal-15 ta' April, 2014

Numru. 10/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jurgen Vella)**

**vs**

**Christopher Joseph Xuereb**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Christopher Joseph Xuereb ta’ 33 sena, iben Anthony u Carmen xebba Saliba, imwieled il-Kanada, nhar il-11 ta’ April 1980, residenti gewwa 42, Trillium, Triq Anton Falzon, Hal Luqa u detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 194696(M):

Akkuzat talli nhar it-2 ta’ Gunju 2013, ghall-habta tas-siegha u ghaxra (13:10hrs) u fis-snin precedenti, gewwa Hal Luqa u f’dawn il-gzejjer b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti kiser l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, b’risoluzzjoni wahda:

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, meta ma kienx fil-pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzat li jimmannifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b’xi mod iehor, bil-licenzja mill-President ta’ Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, wettaq reat waqt il-perjodu operattiv ta’ sentenza sospiza moghtija mill-Magistrat Dr. F. Depasquale LL.D., nhar l-20 ta’ Settembru 2012, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala recidiv ai termini tal-artikolu 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta b’diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta’ Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f’kaz ta’ htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna li jithallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu fis-seduta tat-2 ta' April 2014, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-fatt illi huwa kkopera bis-shih mal-pulizija waqt l-investigazzjoni taghha. Hadet ukoll in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, fiz-zmien li saru r-reati in kwistjoni, liema fedina penali hija wahda ferm refrattarja u tinkludi diversi kundanni in konnessjoni ma' serq u pussess semplici ta' droga.

Il-Qorti qieset ukoll illi waqt it-trattazzjoni finali, il-prosekuzzjoni ssottomettiet illi mhijiex tinsisti ghal sentenza ta' piena karcerarja effettiva jew illi s-sentenza sospiza, mertu tat-tieni imputazzjoni, tigi reza operattiva. Skond id-difiza, l-imputat ser jerga' jibda jahdem regolarment u li dan ghandu jghinu sabiex jerga' jibda miexi fit-triq it-tajba.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 u l-Artikoli 18 u 49 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva ai termini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u tikkundannah ghal piena ta' **multa ta' tminn mija u hamsin Euro (€850)** li, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin Euro (€50), bl-ewwel pagament isir mhux izjed tard minn xahar mid-data ta' din is-sentenza. Pero` jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35) jew parti minnhom dovuti.

Fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, wara li rat l-Artikolu 28B(2)(b) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghar-ragunijiet fuq indikati, il-Qorti qeghda titratta mal-hati dwar is-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif presjeduta mill-Magistrat Dr. Francesco Depasquale fl-20 ta' Settembru 2012, permezz ta' liema sentenza huwa kien gie kkundannat ghal piena ta' hmistax-il jum prigunerija sospizi ghal erba' snin, billi tordna illi l-perijodu operattiv ta' erba' snin jerga' jibda jiddekkorri mill-gdid mil-lum stess.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car il-konsegwenzi skond il-ligi jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija, waqt il-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza.

Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga, Dokument JV2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *process-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------